MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
LINO FARRUGIA SACCO**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 696/1990/4

**Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino; u b'digriet tat-8 ta' Jannar 1998, stante l-mewt ta' Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfruz f'isem Carmen Gatt ta' Edmond, Simon, Dolores u Josienne Tonna, ahwa Gatt Baldacchino**

**v.**

**1. Giuseppe Arcidiacono, Boris Arcidiacono, u Renato Arcidiacono bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Arcidiacono Limited; u 2. l-istess Renato Arcidiacono anke personalment u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2000, il-Qorti ordnat li johrog**

**mill-kawza l-konvenut Renato Arcidiacono u minfloku tidhol is-socjeta` Barc Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat il-procedura ta' ritrattazzjoni pprezentata fit-8 ta' Marzu 2007, minn Arcidiacono Limited, Boris Arcidiacono u Barc Company Ltd;

Rat ir-risposta tal-kontroparti tat-28 ta' Marzu, 2007;

Rat li fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2007, ir-ritrattandi ssollevaw l-eccezzjoni tar-rekuza ta' l-Imhallfin sedenti peress li diga` esprimew ruhhom meta taw is-sentenza tas-17 ta' Jannar 2007, fl-istess ismijiet, li qeghda tigi attakkata bit-talba ghar-ritrattazzjoni;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2007;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti nnotat li t-talba ghar-ritrattazzjoni qed issir a tenur ta' l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jikkonsentixxi ritrattazzjoni f'kaz li sentenza tkun effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Issa hu veru li, il-gurisprudenza kemm lokali u kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sa issa, tinsisti fuq li l-Imhallfin sedenti proceduri ta' ritrattazzjoni jastjenu milli jiggudikaw ukoll fuq dawk il-proceduri, meta l-allegazzjoni tkun li dawk l-istess Imhallfin ikunu, fis-sentenza attakkata, ghamlu zball ta' ligi, u mhux ukoll meta jkun allegat zball ta' fatt, pero`, minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, u partikolarment id-diversi digrieti li tat din il-Qorti, kif presjeduta, kemm qabel u kemm wara li tat is-sentenza finali taghha fis-17 ta' Jannar 2007, jidher li jkun opportun li l-Imhallfin sedenti jastjenu milli jiehdu konjizzjoni ta' dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni. Fil-fatt id-digriet li tat din il-Qorti, kif presjeduta, fis-7 ta' Marzu 2007, jirreferi, almenu in parte, ghal-lanjanzi sollevati mir-ritrattandi f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-premess, u senjatament fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, tilqa' l-eccezzjoni tar-rekuza ta' l-Imhallfin sedenti, u allura l-istess Onor. Imhallfin Geoffrey Valenzia, Carmelo Farrugia Sacco u Tonio Mallia qed jastjenu milli jiehdu aktar konjizzjoni ta' dawn il-partikolari proceduri ta' ritrattazzjoni.

Spejjez riservati ghal-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------